MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' April, 2008

Avviz Numru. 965/2001/1

**Anthony DeGiovanni bhala Sindku flimkien ma' Alex Grima bhala Segretarju ghan-nom u in rappresentanza tal-Kunsill Lokali Fgura u b'nota tal-20 ta' April 2004 Darren Marmara, bhala Sindku tal-Kunsill Lokali Fgura, assuma l-atti minflok Anthony Degiovanni**

**Vs**

**Andre' Vella Borda u John Zammit bhala Editur tal-Gazzetta "In-Nazzjon Taghna"**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi nomine talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-Kunsill attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti li ma teccediex il-hamest elef lira

Maltija (Lm5,000) bhala danni ghall-malafama skond l-artikolu 28 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta) prevja d-dikjarazzjoni li permezz ta' l-artikolu miktub ghall-pubblikazzjoni mill-konvenut Andrew Vella Borda intitolat "Kunsill Lokali ma ghandu l-ebda kompetenza esklussiva fuq toroq" ippublikat mill-konvenut John Zammit bhala editur tal-gazzetta "In-Nazzjon Taghna" fil-harga tal-15 ta' Ottubru, 2001 f'pagna sebgha (7) ta' l-imsemmija gazzetta (fotokopja annessa u mmarkata dok A mal-avviz), partikolarment bil-kliem: "…s-Sindku Laburista Anthony Degiovanni mexa b'mod arroganti u irresponsabbli u ma fittix l-interessi tal-lokalita'. Bl-agir tieghu, is-Sinklu Laburista holoq problemi ghall-lokalita' u minkejja li saru tentattivi biex jintlahaq ftehim, baqa' jwebbes rasu …" (fir-raba' paragrafu), illibellaw u mmalafamaw lill-Kunsill attur billi attribwewlu fatti determinati bi skop li jtellfu u jnaqqsu ir-reputazzjoni tal-Kunsill attur, u l-konvenuti responsabbli ghal tali libelli u malafama.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokument anness mal-istess avviz u markati Dok A a fol 2 tal-atti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti (fol 14 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi ma hemm xejn libelluz fil-pubblikazzjoni fil-konfront tal-Kunsill Lokali Fgura.
2. Illi f'kull kaz, il-pubblikazzjoni mhix libelluza billi tammonta ghal "fair comment".
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti tal-atturi u prodott xehed l-istess Anthony Degiovanni (fol 18 ibid) li qal li l-artikolu in kwistjoni (Dok A a fol 2 tal-atti) kien jirreferi ghal Kunsill Lokali tal-Fgura "u mhux ghalija, biss, personalment". Inoltre hu, legalment u bhala Sindku, jirrapresenta lill-istess Kunsill. Dwar il-meritu ta' dan il-kaz, hu hass ruhu "offiz" permezz tal-istess artikolu u hawnhekk ghamel referenza "ghal aggettivi uzati fil-konfront tieghi bhala sindku specjalment il-kliem irresponsabbli u arroganti".

Ikkunsidrat

Illi, da parti tal-konvenuti, gie prodott kunsillier fl-istess Kunsill, izda ta' fehma politika differenti minn dik tas-Sindku, ossija Mark Lombardo (fol 25 et seq ibid) li spjega li l-artikolu in esami jirreferi ghal kaz iehor fl-ismijiet "Kunsill Lokali Fgura vs Onorevoli Ministru ghat-Trasport u Komunikazzjonijiet" in konnessjoni ma' talba ghal hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 2533/01 u dan in konessjoni ma' "polemika dwar it-Triq imsemmija fl-avviz" (ara l-kopja tad-digriet moghti mill-Qorti kompetenti a fol 29 sa fol 33 ibid). L-artikolu in kwistjoni, b'mod specifiku dak li hu mnizzel u miktub fl-ewwel kolonna tieghu, kien qed jirreferi ghal dak li ntqal mix-xhud u minn kunsilliera ohrajn tal-istess fehma politika fi stqarrija publikata ghall-istampa fid-9 ta' Ottubru 2001, liema stqarrija giet esebita ukoll a fol 34 u fol 35 ibid. L-istess stqarrija kienet, sussegwentement, giet rapportata fil-harga tal-Gazzetta "In-Nazzjon Taghna" tal-10 ta' Ottubru 2001 oltre li kienet is-suggett ta' editorjal fuq mezzi ohra ta' xandir tal-istess xehta politika. Dejjem b'referenza ghall-istess stqarrija, ix-xhud irrefera ghal dik il-parti fejn jissemma ' rikors quddiem il-Qorti kompetenti ghal hrug ta' mandat ta' Inibizzjoni kontra l-ministeru kompetenti u dwar dak li ntqal u kkumenta l-Ministru involut kif ukoll ghal artikolu miktub minn dan (ara fol 29 sa fol 40 ibid). Sussegwentement, hu xehed dwar il-laqghat li kien hemm dwar il-kontroversja in konnessjoni ma' Triq Hompesch u x-xogholijiet li kellhom jsiru fl-istess triq specjalment dwar il-mod kif kellhom jigu esegwiti (ara l-korrispondenza esebita u li kien hemm bejn l-istess Kunsill u l-Ministeru koncernat kif ukoll ma' awtoritajiet ohra li setghu kienu

involuti minn fol 47) u dwar dan hu qal illi "… l-Kunsill … kompla jtawwal u jtawwal sabiex dan ix-xoghol ma jsirx". Meta eventwalment il-Gvern Centrali ddecieda li x-xoghol kellu jinbeda l-Kunsill kien hareg stqarrija ghall-istampa fejn kien intqal illi l-istess kunsill ma' kienx qed jaqbel "… max-xogholijiet kif kienu ser isiru". Sussegwentement kien sar ir-rikors gja msemmi, sabiex jinhareg mandat ta' inibizzjoni liema talba jidher li, finalment, giet michuda. Inoltre x-xhud jsostni li kienet saret laqgha tal-Kunsill li, fiha, pero, il-Kunsilliera Nazzjonalisti minoritarji ma kienux avzati sabiex jattendu. F'din il-laqgha, ix-"shadow minister" hemm imsemmi kien intalab sabiex jissottometti pjanijiet alternattivi ghall-istess xogholijiet (ara fol 62 sa fol 66 ibid). Ix-xhud ikkonkluda billi qal illi l-istess Kunsill, "… kien qieghed jimbotta sabiex, ix-xogholijiet isiru mill-istess kunsill b'konsulenza mal-Perit Charles Buhagiar".

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jkun opportun illi jigu citati xi premessi fid-digriet finali in konnessjoni mar-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni. Fih jinghad testwalment "Illi dwar l-argument li l-Kunsill ma kienx konsultat, jinghad li l-atti juru li kien hemm hafna laqghat bejn il-Kunsill rikorrenti u l-awtoritajiet inkarigati mit-tfassil tal-progett biex jiddiskutu x-xoghol mehtieg, ghall-anqas fil-linji generali tieghu" (ara fol 31 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi giet prodotta biex tixhed mill-konvenuti il-Perit Audrey Testaferrata De Noto (fol 84 et seq ibid) fiz-zmien in kwistjoni "Road Construction Engineer" mad-Direttorat tat-Toroq u involuta fil-kostruzzjoni fil-progett li kien jinvolvi t-triq in kwistjoni. Hi spjegat illi internament, u fl-ambitu tal-Kunsill involut ma kienx hemm qbil dwar id-disinn waqt li l-pjanti kienu approvati mid-Direttorat tat-Toroq. Difatti kien nbeda l-bini tal-progett izda minghajr qbil mal-Kunsill. Hi semmiet illi t-triq stajt tiddiskriviha kemm bhala "a local council road" kemm bhala "a road of linking function" u kien involut xoghol, mhux semplicement ta' "resurfacing" izda wiehed ta' "major construction". Dwar dan il-punt il-

Qorti li ttrattat u ddecidiet ir-rikors ghal hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni issottolineat illi “ma hemm l-ebda triq jew moghdija f’Malta li hija ta’ kompetenza esklussiva ta’ Kunsill lokali ghax dik li tiddetermina z-zamma tal-istat tat-toroq hija l-ghamla tax-xoghol …” u irreferit ghal dan bhala “kompetenzi konkomitanti bejn il-Gvern Centrali u l-Kunsill lokal. L-istess Qorti “Dwar l-ghamla ta’ xoghol involut, pero’, qalet illi, dwar x’inhu xoghol ta’ kostruzzjoni u iehor ta’ manutenzjoni dan ghandu jigi esaminat fil-mertu, minn kaz ghal kaz. Ix-xhud kompliet tghid illi n-nuqqas ta’ qbil kien dwar jekk it-triq inkwistjoni, f’parti, minnha kellhiex tkun “one way” jew kollha kemm hi “two way”.

Ikkunsidrat

Illi l-Ministru tal-Infrastruttura u Komunikazzjonijiet (fol 91 et seq ibid) irrefera, ukoll, ghall-“kumplikazzjonijiet” inkonnessjoni mal-…”Ministeru tieghu u l-kunsill involut …”f’dan il-kaz u l-kompetenzi relattivi taghhom dwar minn kellu … jaghmel ix-xogholjiet”. Ix-xhud sostna li x-xogholijiet kellhom isiru mill-Gvern Centrali waqt li l-Kunsill kien qed jinsisti illi l-fondi kellhom jigu konsenjati lill-istess kunsill. Difatti gie deciz illi x-xoghlijiet jsiru mill-Gvern Centrali. Dwar l-esekuzzjoni tal-istess xogholijiet ix-xhud semma illi l-kunsill kien ghamel diversi konferenzi stampa li fihom gie lmentat illi x-xoghol kien qed isir hazin izda x-xogholijiet kienu ssokktaw. Sussegwentement hu irrefera ghal diversi inkontri u diskussjonijiet li kellu mal-istess kunsill sakemm skond ix-xhud kien hemm inkontru partikolari li fih “.. kien sar hafna tghajjir” f’liema laqgha hu ma kienx, pero’, presenti izda kien inghata din l-informazzjoni minn ufficcjali presenti.

Ikkunsidrat

Illi dawn fis-sustanzi huma l-provi rilevanti ghal dan il-kaz u minnhom jidher evidenti u car illi l-bazi ta’ dan il-libell hija l-kontroversja li kien hemm bejn il-gvern Centrali u l-Kunsill attur dwar l-kwistjoni ta’ kompetenza in konnessjoni max-xogholijiet fl-imsemmija triq. Pero jidher

ukoll illi l-aktar li jirreferi dan il-kaz jinvolvi l-polemika, kif deskritta, internament u fl-ambitu tal-membri tal-istess kunsill, maqsumin, kif inhuma a bazi tal-fehma politika. Difatti l-artikolu in esami jsemmi illi l-ghada tad-decizjoni tal-Qorti dwar ir-rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, kif gja gie premess, kienet inharget stqarrija ghall-mezzi tax-xandir fejn il-Kunsilliera Nazzjonalisti "attakaw l-agir irresponsabbli tas-Sindku Laburista … peress li tellef zmien prezzjuz u minhabba pika holoq tbatijiet ghad-danni tar-residenti tal-Fgura" u "Il-Kunsilliera Nazzjonalisti qalu li s-Sindku Laburista … mexa b'mod <u>arroganti u irresponsabbli</u> u ma fittix l-interessi tal-lokali". Din il-kawza, kif jidher mix-xhieda gja riportata hawn fuq, (ara fol 18 ibid) tinvolvi l-uzu tal-kliem sottolineati mill-istess Qorti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi dwar il-punti legali involuti f'dan il-kaz, jidher mill-atti (ara fol 99 sa fol 109 ibid) illi di gja kien hemm kawza fuq meritu simili bhal dik in esami izda fuq kliem differenti bejn l-istess kunsill u l-kunsilliera Nazzjonalisti ta' dan.

Minn din is-sentenza jidher li kien gie deciz illi filfatt il-Kunsill kien gie malfamat. Pero' l-kunsillieri konvenuti kienu ppresentaw rikors kostituzzjonali u kif jidher mill-kopja legali esebita "in atti" a fol 100 sa fol 109, kien gie deciz illi:-

a) "… kunsill lokali jista jimmalafama u anke jigi malfamat u ghalhekk din il-kawza, kif proposta, hi korretta.
b) Il-Qorti Kostituzzjonali, anke fl-istadju tal-Appell, kienet irrispingiet u cahdet dak mitlub mill-istess kunsillieri nazzjonalisti.

Illi, pero, l-istess kunsillieri, flimkien mal-konvenut odjern John Zammit kienu ukoll, adixxew il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-istess Qorti kienet tat id-decizjoni Taghha fl-24 ta' April 2007 ("<u>Case of Lombardo and Others v. Malta</u>).

Difatti wara li kienu gew konklusi il-proceduri kollha u esawriti r-rimedji local, kienu nbdew dawk quddiem il-Qorti msemmija u li gew decisi fid-data indikata.

Illi, ghalhekk jkun opportun li ssir referenza ghal dik id-decisjoni peress li, fil-fehma ta' din il-Qorti, ghandha importanza konsiderevoli fl-esitu ta' din il-kawza.

Illi l-imsemmija kunsillieri u l-konvenut odjern, John Zammit, kienu allegaw u sostnew illi, fil-konfront taghhom minhabba l-esitu tal-kawza relattiva quddiem il-Qrati lokali li ddecidew il-kaz, kienet saret vjolazzjoni tad-drittijiet taghhom protetti taht l-artikolu 10 tal-konvenzjoni (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) ossija d-dritt tal-liberta tal-espressjoni. L-istess artikolu citat, wara li enunzja f'hiex jikkonsisti dan id-dritt Civili, jghid ukoll x'doveri u responsabilitajiet tali dritt jgorr mieghu cioe "subject to such formalities, restrictions or penalities as are prescribed by law and are necessary in a democratic society … for the protection of the reputation or rights of others …". F'dan ir-rigward, fid-decizjoni jinghad illi l-azzjoni istitwita u in esami mill-Qorti Ewropea kienet tikkostitwixxi interferenza fid-dritt tal-espressjoni kif protett bl-artiklu 10 citat, liema interferenza tirrisulta mill-Att dwar l-Istampa. Dwar dan l-istess Qorti rat illi "it is only in exceptional circumstances that a measure proscribing statements criticising the acts or omissions of an elected body such as a council can be justified with reference to "the protection of the rights or reputations of others". Ghalhekk kellu jigi konsiderat jekk tali interferenza kienet "necessary in a democratic society" u jekk "a restriction is reconcilable with freedom of expression as protected by article 10" (tal-konvenzjoni).

Hawnhekk, il-Qorti Ewropea spjegat x'inhuma il-fatturi fosthom sabiex tiddetermina l-esistenza ta "a pressing social need" in konnessjoni mal-interferenza u l-gustifikazzjoni ta' din. B'referenza u b'applikazzjoni tal-istess principji, gew konsiderati:-

a) "the positon of the applicants"

b) “the position of the plaintiff in the defamation proceedings”
c) “the subject matter of the publication”
d) “the qualification of the contested statement by the domestic courts”.

Illi, fil-kaz in desamina l-azzjoni giet proposta minn membri tal-Kunsill involut fosthom l-istess sindku waqt li l-konvenuti huma rispettivament, l-awtur tal-artikolu u l-editur tal-gazzetta li ppubblikat l-istess artikolu. F’dan jinghad li l-kunsillieri nazzjonalisti, fi stqarrija kif di gja premess, kien, l-ghada tad-decizjoni moghtija in konnessjoni mat-talba u cahda ghall-hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni attakkaw l-agir irresponsabbli tas-Sindku Laburista … peress li tellef zmien prezzjuz u minhabba pika holoq tbatijiet ghal dawn tar-residenti …” (ara ukoll ir-ritratt inserit fl-istess artikolu). Fl-istess artikolu jitkompla jinghad “… li s-Sindku mexa b’mod arroganti u irresponsabbli u ma fittix l-interessi tal-lokalita. Bl-agir tieghu, is-sindku Laburista holoq problemi u minkejja li saru diversi tentattivi sabiex jintlahaq ftehim, baqa’ jwebbes rasu. Kellha tkun il-Qorti li taghti ragun lill-Ministeru tat-Trasport u Komunikazzjoni u lill-Kunsilliera Nazzjonalisti”. Hawnhekk jigi rilevat illi l-Qorti Ewropea tennet illi l-liberta’ tal-espressjoni hi importanti ghal kulhadd izda b’mod specjali ghar-rapprezentanti eletti tal-Poplu. Ghalhekk interferenzi fil-liberta tal-espressjoni taghhom “… call for the closest scrutiny …”. Dwar l-editur tal-Gazzetta u awtur ta’ artikolu, il-Qorti, wara li irrepetiet illi l-istampa ghandha funzjoni essenzjali f’socjeta demokratika, qalet illi trid tara illi l-istess stampa ma’ toltrepassax certi limiti specjalment in konnessjoni mad-drittijiet u reputazzjoni ta’ terzi persuni waqt li taqdi d-dmir u dritt taghha illi timpartixxi informazzjoni u ideat fuq affarijiet ta’ interess publiku, dejjem soggett ghall-agir “in bona fede” sabiex l-informazzjoni li tinghata tkun vera u ta’ min joqghod fuqha. L-istess Qorti kompliet tghid illi f’kaz ta’ politici, il-limiti ta’ kritika accettabbli huma usa minn dawk applikabbli ghal individwi privati. Difatti, l-politici, minhabba l-kariga, huma soggetti ghal skrutinju mill-vicin ta’ dak li jghidu u jaghmlu u b’hekk ghandhom juru grad akbar ta’ tolleranza lejn kritika. Difatti dak li jaghmlu jew

jonqsu li jaghmlu l-politici specjalment membri tal-Gvern ghandhom jkunu soggetti ghall-skrutinju tal-opinjoni publika ukoll. Dan ukoll jghodd ghal Kunsill Lokali elett minn nies u dawn ghandu juri grad aktar gholi ta' tolleranza minn cittadin privat. Dwar il-publikazzjoni in esami u allegatament malfamanti, din ukoll, kienet tirreferi ghal polemika u kontroversja dwar l-istess triq materja ta' interess publiku u generali. Difatti ghandu jerga' jinghad illi fl-artikolu oggett ta' din il-kawza qed tigi riportata stqarrija mahruga mill-Kunsilliera Nazzjonalisti l-ghada tad-decizjoni mehuda mill-Prim Awla tal-Qorti Civili u f'din l-istqarrija, l-istess Kunsilliera minoritarji, qed jikkritikaw l-agir deskritt fl-istess stqarrija bhala "irresponsabbli u … arroganti" da parti tas-Sindku u li, skond huma "ma fittix l-interessi tal-lokalita". F'dan ir-rigward, din il-Qorti applikat il-kriterji u principji sabiex tara jekk f'dan il-kaz, gewx espressi opinjonjiet dwar fatti dawn tal-ahhar sostanzjalment korretti, u ta' interess pubbliku. Mill-provi jirrisulta illi, bhala fatt, kien hemm decisjoni "prima facie" dwar il-kontroversja in konnessjoni mat-triq imsemmija, li l-kunsilliera minoritarji kienu hargu stqarrija ghall-pubbliku fejn huma esponew l-opinjoni taghom dwar l-agir tas-Sindku attur u l-Kunsilliera maggoritarji f'din il-vertenza ta' interess publiku mal-Gvern Centrali. Dwar dan ghandu jinghad illi l-opinjonijiet ossija "value judements" espressi, f'dan il-kaz kienu pjuttost iebsin u horox. Pero' l-istess Qorti tara li ma ghandhiex ticcensura lill-konvenuti minhabba dan l-kliem li ntuzaw, del resto, mill-kunsilliera minoritarji, kif di gja inghad u bl-ebda mod manifestament irragjonevoli tenut kont li ntqalu fl-ambitu ta' dibattitu politiku haj.

Ikkunsidrat

Illi ghalhekk, la darba l-kliem in kwistjoni ma marrux oltre l-limiti ampji u accettabbli ta' kritika, ma tkunx gustifikata l-interferenza tal-Qrati fil-liberta ta' espressjoni f'dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tichad it-talbiet attrici. In rigward l-ispejjes, tenut kont tac-cirkostanzi kif hawn fuq esposti dawn jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------